# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 533/2017**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Gatt**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 662758(M)

Illum it-3 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Gatt akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli 'nhar it-28 ta' Lulju 2017 ghall-habta tal-17:30:

> insulenta jew hedded lil Martha Gatt u Jonathan Gatt jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mil-limitu ta' provokazzjoni'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Dicembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-

akkuza kif dedotta kontra tieghu u obbligatu li jzomm il kwiet mal-istess Martha Gatt u Jonathan Gatt u li jzomm il-bon ordni pubblika ma' kulhadd, u jekk b'xi mod jonqos minn din l-obbligazzjoni, tobbligah ihallas is-somma ta' elf ewro penali, liema obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Gatt minnu pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell u **tirrevoka** s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti u minnhom tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-korp tal-provi li l-prosekuzzjoni tallega li ghandha in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba, ma humiex tali li a bazi taghhom tista' tinstab htija fil-konfront tieghu. Fi kliem iehor, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mil-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".
>
> Illi bl-akbar rispett kif se jirrizulta waqt il-mori tal-appell ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni taw verzjonijiet pjuttost diferrenti u konfliggenti ta' kif gara l-incident.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, kif ser jigi trattat waqt is-smiegh ta' dan l-umli appell, is-sanzjoni inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija wahda eccessiva u jezistu cirkostanzi li ghandhom jattiraw bdil fl-istess sanzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ewlieni imressaq 'il quddiem mill-appellant jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi jqies illi gjaldarba kien hemm kunflitt fil-verzjonijiet moghtija minnu minn naha il-wahda u minn martu u ibnu minn naha l-ohra dan kellu necessarjament iwassal ghal liberatorja.

Issa huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta'

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 li jistipula li 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta') titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[3],

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

---

Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Illi ezaminati mill-gdid l-atti processwali jirrizulta illi nhar id-29 ta' Lulju tas-sena 2017 dahal rapport gewwa l-għassa ta' Birkirkara minn Martha Gatt, l-parti leza, fejn stqarret r-raġel tagħha Anthony Gatt, li minn mieghu kienet ghaddejja proceduri ta' separazzjoni, kien qed jaqla' diversi argumenti bejniethom matul liema argumenti ħafna drabi kien jispiċċa jheddidha li ser joqtolha. Hi rrapurtat li l-aħħar li dan kien seħħ kien fil-jum preċedenti u ċioe fit-28 ta' Lulju fejn allegat li zewgha kien daħal jgħajjat id-dar u hi kienet injoratu. Konsegwenza ta' dan hu beżqilha f'wiċċha, heddidha bil-mewt u li ser jaghtiha daqqa ta' ħadida u ta' "dimonju". Xhud ta' dan kien hemm bin il-ko-litigandi Jonathan Gatt.

Anthony Gatt gie mitkellem l-għada u stqarr li hu kien bagħat messaġġ lil martu biex jinfurmaha li kienu sejrin xi kompraturi prospettivi ghad-dar matrimonjali u ghalhekk talabha sabiex tiżbarazza l-kamra tiegħu. Kif daħal id-dar sab lil martu fuq ic-cellulari u x'ħin ipprova jkellimha hi bdiet tgħaddiħ biż-żufjett. Ighid li irrabja u beżqilha mill-bogħod. Jichad izda li hu hedded lilha jew lill-binhom filwaqt li ddikjara li ftit xhur qabel ibnu stess kien beżaqlu darbtejn f'wiċċu.

Martha Gatt, Jonathan Gatt kif ukoll Anthony Gatt reġgħu xehdu quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni. Illi ghalkemm Jonathan Gatt ighid fix-xiehda tieghu li hu sema' hafna ghajjat u kliem ta' tghajjir, izda f'dan l-istadju ta' revizjoni jichad illi missieru hedded lilu direttament ghalkemm semghu ighid il-kliem "noqtolkom" u "naghtikom daqqa ta' dimonju". Madanakollu dan il-kliem kien indirizzat lejn ommu u hu ma kienx prezenti sabiex b'hekk ma jistax jikkonkludi illi kien indirizzat lilu ukoll. Martha Gatt minn naha taghha tikkonferma il-verzjoni moghtija lill-pulizija *a tempo vergine* ghalkemm ma tiftakarx il-kliem li inghad fl-argument, filwaqt li l-appellant fid-deposizzjoni tieghu jichad illi huwa bezaq fid-direzzjoni ta' martu u li qalilha xi kliem ta' theddid ghalkemm meta mitkellem mill-pulizija *a tempo vergine* huwa ma jichadx li kien bezqilha. Hu stqarr ukoll meta xehed *viva voce* quddiem din il-Qorti illi ibnu ma

setax ikun jaf x'intqal waqt l-argument u dan peress illi kien fit-tielet sular tad-dar meta inqala' l-arġument.

Ikkunsidrat :

Illi l-akkuża miġjuba kontra l-appellant hija ta' natura kontravenzjonali mahsuba fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi gie deciz:

> **'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'[4]**

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Gauci ġie kkunsidrat is-segwenti:

> **Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: ".e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.[5]**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali u inkwadrati fihom il-fattispecje ta' dan il-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u

---

[4] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

raġonevolment tasal għall-konklużjoni tal-ħtija kif milħuqa minnha biss fil-konfront tal-kwerelanti Martha Gatt, izda mhux ukoll fil-konfront ta' Jonathan Gatt li ma kienx prezenti waqt l-argument, ghalkemm sema d-diskors li inghad, u li allura ma jistax jikkonferma jekk il-kliem ta' theddid li inghad kienx indirizzat lejh ukoll.

L-appellat stess fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti jammetti li kien irrabbjat hafna lejn martu ghal fatt illi dehrlu li d-dar ma kenitx prezentabbli sabiex tigi murija lil xi kompraturi prospettivi ta'l-istess proprjeta. Din is-sens ta' rabbja nibtet fih meta il-mara bdiet tinjorah u meta gibdilha l-attenzjoni ghal dak li dehrlu li kien nuqqas da parti taghha. Fil-fatt fil-verzjoni moghtija lil PC55 I. Cutajar *a tempo verġine* huwa jammetti li kien bezaq fid-direzzjoni ta' martu ghalkemm jichad li heddidha. Jammetti li irrabja ghal martu ghax dehrlu li din bdiet tgħaddiħ biż-żufjett fejn hemmhekk hu 'inħaraq u beżqilha mill-bogħod'. Kwindi a differenza ta' dak li stqarr meta xehed quddiem din il-Qorti, l-appellant effettivament ikkonferma dak li qalet Martha Gatt u ċioe li hu kien filfatt beżqilha. Dan fil-fehma tal-Qorti waħdu jikkonstitwixxi att inġurjuz u dispreġattiv fil-konfront ta' Martha Gatt. Dan apparti il-kliem ta' theddid li intqal mill-appellant fil-konfront ta' martu kif konfermat mill-istess kuntistabbli li ha r-rapport fejn nizzel il-kliem li kienet irreferietlu l-kwerelanti, kif ukoll mix-xiehda ta' Jonathan Gatt li ighid li sema lill-appellant ighid il-kliem ta' theddid indirizzat lejn ommu waqt l-argument.

Illi għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravji mqanqal mill-appellant li jikkoncerna il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tistqarr illi l-Ewwel Qorti kienet miti hafna fil-konfront tieghu meta imponiet biss garanzija fit-termini ta'l-artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali bhala piena alternattiva ghal dik prevista fil-ligi ghal kontravvenzjoni li taghha l-appellant gie misjub hati, ghalkemm din ghandha tigi imposta biss fil-konfront ta' Martha Gatt u mhux ukoll Jonathan Gatt. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju ma jisthoqqlux akkoljiment.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati biss fil-konfront ta' Martha Gatt izda tirrevokaha fejn instabet htija fil-konfront ta' Jonathan Gatt ukoll. Tirriforma il-piena inflitta billi tapplika l-garanzija mahsuba fl-artikolu 383(1) tal-Kodici Kriminali biss fil-konfront ta' Martha Gatt taht penali ta' hames mitt ewro (€500)u dan ghal zmien sena li tibda tiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur